MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 136/1981/1

**Margaret Briffa ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Gallery Limited u b'nota ta' l-4 ta' Frar, 1997, Godwin Falzon assuma l-atti tal-kawza minflok l-attrici Margaret Briffa fil-kwalita` tieghu ta' likwidatur tas-socjeta` "The Gallery Limited"**

**vs**

**Joseph Debono**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-attrici Margaret Briffa, fil-kwalità taghha premessa, wara illi ppremettiet li l-konvenut obbliga ruhu li jimmanifattura fuq ordni tas-socjetà attrici figurini tal-"pewter" skond l-ispecifications u persunaggi indikati mill-istess socjetà; li l-attrici ghamlet ordnijiet ghal 23 figurin kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, li l-konvenut naqas li jesegwixxi; illi ghalkemm interpellat diversi drabi verbalment u bil-miktub biex jesegwixxi l-ordnijiet maghmula u jikkonsenja lill-attrici l-figurini maghzula huwa rrifjuta; u illi l-attrici hallset lill-istess konvenut mitt lira (L100) ghall-ispejjes tal-materjal li kien sejjer juza u s-somma ta' mitejn u erbghin lira (L240) ghal tnax il-modell - b'kollox tliet mija u erbghin lira (L340); talbet ghaliex il-konvenut (1) m'ghandux jigi kundannat jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li tistabilixxa dika l-Qorti, it-tlieta u ghoxrin (23) figurin tal-pewter lilu ordnati u illi huwa obbliga ruhu li jahdem u jikkonsenja lill-attrici; (2) fin-nuqqas jigi dikjarat responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici konsistenti fit-telf ta' profitt; (3) jigi kundannat ihallas l-ammont ta' danni hekk likwidata (*sic*); (4) jigi kundannat ihallas u jirrifondi lill-attrici s-somma ta' tliet mija u erbghin lira (L340) lilu mhallsa kif fuq imsemmi bl-imghax kummercjali mid-data tal-pagament; bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru 1980; il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:
Illi in linea preliminari l-azzjoni maghmula mis-socjetà attrici kontra l-konvenut hija preskritta u dan ghab-bazi tal-Artikoli 2156(f) u 2128 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante l-konvenut kien onera l-obbligazzjonijiet tieghu imsemmija fic-citazzjoni kif ser ikun ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salve eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jirrizultaw ’l quddiem waqt il-proceduri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-elenku tax-xhieda relativ;

Rat is-sentenza *in parte* ta’ l-ghaxra (10) ta’ Mejju, 1989 illi permezz taghha l-allura Qorti tal-Kummerc laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u konsegwentement cahdet it-talbiet kollha tal-attrici bl-ispejjez kontra taghha;

Rat is-sentenza ta’ dina l-Qorti tas-sebgha (7) ta’ Lulju, 1992 illi permezz taghha gie deciz hekk:

“… l-appell tal-kumpanija ghandu jigi milqugh, is-sentenza appellata qed tigi revokata, l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni avvanzata mill-konvenut, kif akkolta, qed tigi rigettata u l-atti ghandhom jintbaghtu lura lill-ewwel Onorabbli Qorti biex il-kawza titkompla.”

Rat is-sentenza tat-tnax (12) ta’ Mejju, 2000 illi permezz taghha l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
“fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u fit-tieni lok … tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba attrici u fit-tielet lok … tilqa t-talbiet l-ohra kollha tas-socjetà attrici u b’hekk tiddikjara lill-konvenut respopnsabbli ghad-danni sofferti mis-socjetà attrici konsistenti fit-telf ta’ profitt ghar-rigward tat-23 figurin li ma gewx konsenjati mill-konvenut lis-socjetà attrici; tillikwida dawn id-danni fis-somma komplessiva ta’ erbgha u sebghin liri maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm74.75) u cioè Lm3.25 X 23; konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici l-imsemmija somma ta’ Lm74.75 in linea ta’ danni u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ tliet mija u erbghin lira (Lm340) in rifuzjoni ta’ daqstant imhallas mis-socjetà attrici lill-konvenut in virtù tal-ftehim in kwestjoni. Is-somma komplessiva li l-konvenut qed jigi kundannat ihallas permezz ta’ din is-sentenza tammonta ghas-somma ta’ erbgha mija u erbatax il-liri maltin u hamsa u sebghin centezmu

(Lm414.75) u dana bl-imghax kummercjali minn Dicembru 1979; spejjes kollha kontra l-konvenut."

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Fic-citazzjoni s-socjetà attrici ghamlet referenza ghall ftehim li sar mill-konvenut fil-21 ta' Novembru 1977. Kopja ta' dan il-ftehim giet esibita mac-citazzjoni bhala dokument 'A' (fol. 5). Minn din l-iskrittura jirrizulta li l-konvenut obbliga ruhu versu s-socjetà attrici li jipproduci tlett (3) settijiet ta' sitt (6) figurini originali tal-'pewter' kull wiehed, tal-qisien u kwalitajiet ohra kif specifikat fl-istess skrittura u dana skond il-pattijiet u kundizzjonijiet kif kontenuti fl-istess skrittura;

"Is-socjetà attrici, fl-istess citazzjoni, tallega li in virtù ta' dan il-ftehim hallset lill-konvenut Lm100 ghal-materjal tal-moulds ta' tnejn mill-imsemmija settijiet u Lm240 (Lm20 kull figura) ghal-forom dejjem ta' tnejn mill-imsemmija settijiet, u ghalhekk tallega li b'kollox hallset lill-konvenut is-somma ta' Lm340. Dan mhux ammess mill-konvenut, li fil-kors tad-depozizzjoni tieghu jsostni li huwa thallas biss parti mis-somma kollha allegatament imhallsa mis-socjetà attrici. Tenut kont tal-provi prodotti f'dan ir-rigward u tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-allegazzjoni tas-socjetà attrici f'dan ir-rigward tirrizulta sufficjentement pruvata. Difatti hemm qbil bejn il-partijiet li gew prodotti zewg settijiet, u ghalhekk gew prodotti zewg moulds u tnax il-forma. L-ispejjez li tghid li hallset is-socjetà attrici huma appuntu ghal zewg moulds, cioè Lm50 kull mould, u tnax il-forma, cioè zewg settijiet ta' sitt figurini kull wiehed bl-Lm20 ghal kull forma. Barra minn hekk il-konvenut kemm il-darba kkonferma li huwa dejjem thallas mis-socjetà attrici;

"Fl-istess citazzjoni s-socjetà attrici ssostni li fil-kors tal-kuntratt fuq indikat hija ghamlet ordnijiet ghal-23 figurin, però l-konvenut irrifjuta, minghajr raguni valida, li jesegwixxi dawn l-ordnijiet. Ghalhekk is-socjetà attrici qed tippretendi li minhabba dan ir-rifjut u konsegwenti inadempjenza l-konvenut naqas li jesegwixxi l-obbligazzjonijiet tieghu skond l-imsemmi kuntratt u ghalhekk tippretendi li l-konvenut huwa responsabbli ukoll

ghad-danni li setghet sofriet konsistenti fit-telf ta' profitt ghar-rigward tal-imsemmija 23 figurin. In vista ta' dawn il-pretensjonijiet s-socjetà attrici qed titlob fl-ewwel lok li l-konvenut jigi ordnat jikkonsenja l-imsemmija tlieta u ghoxrin (23) figurin tal-pewter. Fit-tieni lok u fin-nuqqas ta' tali konsenja s-socjetà attrici qed titlob li jigi dikjarat li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjetà attrici konsistenti fit-telf ta' profitt, u dan skond it-termini tat-talbiet attrici, dejjem ghar-rigward tat-23 figurin li ma gewx konsenjati. Fit-tielet lok is-socjetà attrici qed titlob li jigu likwidati dawn id-danni u li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma hekk likwidata. Fir-raba lok is-socjetà attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas lura lis-socjetà attrici l-imsemmija somma ta' tliet mija u erbghin lira (Lm340) li giet lilu minnha mhallsa;

"L-ewwel zewg talbiet huma in alternattiva. Jidher inoltre li s-socjetà attrici m'ghadhiex tinnegozja u ghalhekk ma jidhirx li ghada nteressata fil-konsenja ta' dawn il-figurini. Il-Qorti, ghalhekk, mhux ser tikkonsidra l-ewwel talba, izda ser tiehu in konsiderazzjoni t-tieni talba li hi l-alternattiva ghall-istess l-ewwel talba;

"Mill-provi prodotti jirrizulta illi wara li beda jigi attwat l-imsemmi ftehim tal-21 ta' Novembru 1977, il-konvenut talab li l-ordnijiet da parti tas-socjetà attrici kellhom jibdew isiru bil-miktub minn rappresentant awtorizzat tal-istess socjetà attrici u li l-hlasijiet ralattivi kellhom jibdew isiru bil-quddiem u cioè il-hlas jibda jsir mal-ordni. Jidher li s-socjetà attrici accettat dan kollu. Mhux cara, però, r-raguni ghala l-konvenut talab dan il-bdil fil-mod kif isiru l-ordnijiet u kif isir il-hlas. Mart il-konvenut tghid li dan sar peress li s-socjetà attrici ma kienitx qed tkun regolari fil-hlasijiet. Il-konvenut però jikkonferma li kull meta ghamel konsenja lis-socjetà attrici huwa dejjem thallas. Inoltre l-konvenut jghid li talab li jsir dan il-bdil peress li huwa beza li skond il-kuntratt s-socjetà attrici seta kella xi drittijiet fuq ix-xoghol kollu tieghu u mhux biss fuq dawk il-figurini li kienu s-suggett tal-imsemmi ftehim. F'dan però l-konvenut mhux kredibbli peress li l-konvenut xehed li huwa ppropona emendi fil-kuntratt appuntu sabiex jizgura

li l-kuntratt kien jolqot biss dawk il-figurini oggett tal-kuntratt u mhux ix-xoghol kollu tieghu;

“In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u ta’ certi rizultanzi ma jistax jigi eskluz li l-konvenut talab dawn il-bidliet peress li beda jkollu dubji dwar il-ftehim li ghamel mas-socjetà attrici. Jista’ jkun li beda jinduna li seta jmexxi u jinnegozja l-figurini in kwestjoni huwa stess b’mod ahjar, b’aktar ordnijiet u b’aktar speditiezza. Jista’ jkun li l-konvenut beda johloq huwa stess certi ostakoli, possibilment sabiex eventwalment jinhall u jehles mill-obbligi minnu assunti fil-konfront tas-socjetà attrici fil-ftehim in kwestjoni. Huwa ghalhekk li l-konvenut naqas li jaghmel il-konsenja in kwestjoni;

“F’dan l-istadju ghandu jigi sottolineat li l-konvenut stess jikkonferma li l-kopja tal-ftehim esibita a fol. 5 tal-process, bl-emendi li fiha, in effett tirrifletti r-rieda tal-partijiet, inklusa r-rieda tieghu. Inoltre huwa stess jiddikjara li kien ihossu marbut bl-istess ftehim;

“Il-konvenut jghid ukoll li ma esegwix l-ordni in kwestjoni peress li dawn l-ordnijiet tas-socjetà attrici ma kienux jinkludu biss figurini li huma l-meritu tal-ftehim in kwestjoni, izda kien hemm figurini barra dan il-ftehim. Inoltre l-konvenut jghid li l-istess ordni ma kienitx cara. Jirrizulta però li din l-ahhar ordni tas-socjetà attrici kienet kjarament ghar-rigward tas-settijiet li kienu inkluzi fil-kuntratt;

“In vista ta’ dana kollu u in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz jirrizulta li l-konvenut volontarjament u minghajr ebda raguni valida naqas li jesegwixxi l-obbligi tieghu skond il-ftehim;

“Ghandu wkoll jigi puntwalizzat li ma jirrizultax sufficjentement pruvat li l-konvenut kien qed jissuplixxi hwienet ohra bil-figurini in kwestjoni. F’dan ir-rigward is-socjetà attrici naqset li tipproduci l-gesturi tal-hwienet minn fejn allegatament kienu qed jinbieghu dawn il-figurini. Jista’ jkun li l-figurini li kienu ghall-bejgh minn hwienet ohra kienu simili ghal dawk in kwestjoni però ma

kienux mill-istess mould.  Jista' jkun li l-qisien ma kienux l-istess, kif gie ukoll konfermat minn xhud prodott mis-socjetà attrici.  Jista jkun ukoll li ma kienx il-konvenut li ghamel il-figurini li kienu ghall-bejgh minn hwienet ohra. Huwa minnu li xhud prodott mill-konvenut stess (Nutar Grech Trapani) ikkonferma li huwa ra x-xoghol tal-konvenut f'hanut f'Tas-Sliema.  F'dan ir-rigward però ma jirrizultax li dan ix-xhud ra fil-hanut ta' Tas-Sliema l-figurini in kwestjoni cioè dawk li kienu il-meritu tal-ftehim bejn il-partijiet;

"In vista ta' dan kollu peress li jirrizulta li l-konvenut volontarjament u minghajr ebda raguni valida naqas li jesegwixxi l-obbligi tieghu skond il-ftehim, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti bl-eccezzjoni tal-ewwel talba. Ghal finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni in konnessjoni mat-telf ta' profitti jirrizulta li s-socjetà attrici kienet tixtri l-figurini minghand il-konvenut Lm7 u minn naha taghha tbieghhom Lm10.25.  Ghalhekk il-margini ta' profitt ghas-socjetà attrici kien ta' Lm3.25;"

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talab illi:
"… din l-Onorabbli Qorti … tirriforma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti in kwantu laqghet it-tieni, tielet u r-raba' talba tas-socjetà appellata u b'hekk tghaddi biex tichadhom. Bl-ispejjez kontra s-socjetà appellata."

Rat ir-risposta tas-socjetà attrici illi permezz taghha ssottomettiet illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u illi ghalhekk l-appell tal-konvenut jisthoqqlu jigi michud bl-ispejjes;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi fir-risposta taghha hawn fuq imsemmija is-socjetà attrici appellata ghamlet is-segwenti zewg (2) sottomissjonijiet ta' natura preliminari:

"(1) Illi r-rikors tal-appell huwa null billi r-rappresentanza tas-socjetà esponenti ma tinkombiex lill Margaret Briffa izda lill Godwin Falzon fil-kwalità tieghu ta' likwidatur kif jidher mill-okkju tas-sentenza appellata;

(2) Illi dan l-appell huwa ukoll null peress li fit-talba ghar-riforma tas-sentenza l-appellant naqas li jitlob liema parti mis-sentenza ghandha tigi konfermata u liema michuda u b'hekk riformata."

Ikkunsidrat:

Illi, in vista tal-korrezzjoni fir-rikors ta' appell ordnata minn dina l-Qorti permezz ta' digriet moghti fl-udjenza tas-sebgha (7) ta' Novembru, 2002, ma hemmx lok ghal provvediment dwar l-ewwel (1) sottomissjoni hawn fuq riprodotta tas-socjetà attrici appellata;

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni (2) sottomissjoni hawn fuq riprodotta tas-socjetà appellata mhix valida ghaliex: (i) anke kieku huwa veru dak illi qed issostni din is-socjetà, jigifieri illi "… l-appellant naqas li jitlob liema parti mis-sentenza ghandha tigi konfermata u liema michuda u b'hekk riformata", dan ma jgibx bhala konsengwenza in-nullità tar-rikors ta' appell (Art. 143(5), Kap. 12); (ii) it-talba tal-appellant illi, fil-kliem testwali tar-rikors ta' appell, hija illi dina l-Qorti "… tirriforma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti in kwantu laqghet it-tieni, tielet u raba' talba tas-socjetà appellata u b'hekk tghaddi biex tichadhom", tissodisfa l-vot ta' l-Artikolu 143(2) tal-Kap. 12;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenut kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:
1. Illi dik is-sentenza hija nulla;

2. Illi, fi kliem ir-rikors ta' appell: "Il-Qorti kkonkludiet li '*jidher li s-socjetà attrici m'ghadiex tinnegozja u ghalhekk ma jidhirx li ghada interessata fil-konsenja ta' dawn il-*

*figurini*'. B'kull rispett din hija asserzjoni gratuwita ghaliex li kieku ma kienitx interessata fl-ewwel talba, is-socjetà appellata kienet tirrinunzja ghaliha."

3. Illi l-ewwel Qorti ma messha qatt ikkundannat lill-konvenut ihallas lura lis-socjetà appellata s-somma ta' tlett mija u erbghin lira Maltija (Lm340);

4. Illi, ukoll fi kliem ir-rikors ta' appell, "… r-raba' talba kif kontenuta fic-citazzjoni qatt ma setghet tigi milqugha peress li m'hijiex preceduta minn talba ghal xoljiment tal-kuntratt minhabba inadempjenza da parti ta' l-esponent."

5. Illi, ghal darb' ohra fi kliem ir-rikors ta' appell, "… t-talbiet tas-socjetà appellata qatt ma setghu jigu milqugha peress li hi stess naqset milli tottempera ruhha ma dak li ftehmu l-partijiet."

6. Illi, skond ir-rikors ta' appell, "… kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, fl-ordni tat-23 figurin kien hemm figurini li ma kienux parti mill-ftehim ta' esklussività li kellha s-socjetà appellata;

7. Illi l-imghax fuq is-somma ta' Lm414.75 illi l-appellant gie kundannat ihallas lis-socjetà attrici m'ghandux jithallas b'sehh mill-1979 izda mid-data tas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi, in sostenn ta' l-aggravju tieghu illi s-sentenza appellata hija nulla, l-appellant, fil-paragrafu enumerat "1." tar-rikors ta' appell, jghid hekk:
"Mill-provi rrizulta li s-socjetà attrici m'ghaddiex tinnegozja u fil-fatt giet xolta fit-12 ta' Awissu 1991. F'dak l-istadju kellha ssir it-trasfuzjoni tal-gudizzju, fis-sens li s-socjetà attrici kellha tkun rapprezentata minn stralcarju. Ghalkemm fl-atti tal-kawza deher stralcarju li assuma l-atti, mir-ricerki li saru rrizulta li dan qatt ma gie registrat bhala tali mir-Registratur tas-Socjetajiet. Fil-fatt fl-20 ta' Jannar 1998 is-socjetà appellata obbligat ruhha li '*permezz ta' nota prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti, mhux aktar tard minn 15 il-gurnata mil-lum tindika d-data*

*ta' meta r-Registratur tas-Socjetajiet gie hekk informat*'. Minn dan kollu ma sar xejn u sal-gurnata tal-lum."

Fil-fehma ta' dina l-Qorti l-aggravju in ezami tal-konvenut appellant mhux fondat ghaliex: (i) jekk huwa veru illi n-nomina ta' l-attur attwali Godwin Falzon bhala stralcjarju tas-socjetà attrici qatt ma giet registrata mar-Registratur tas-Socjetajiet dan il-fatt seta', *se mai*, jaghti lok ghal eccezzjoni ta' illegittimità tal-persuna ta' l-imsemmi Godwin Falzon u, mill-atti processwali ma jirrizultax illi l-konvenut ressaq tali eccezzjoni;
(ii) fir-realtà, ma saritx prova skond il-ligi illi l-imsemmija nomina ta' Godwin Falzon ma gietx registrata mar-Registratur tas-Socjetajiet; ghalkemm jirrizulta illi waqt l-udjenza tas-sittax (16) ta' Ottubru, 1997, mizmuma mill-ewwel Qorti, id-difensur tal-konvenut irrileva illi "minn ricerki li ghamel l-istralcjarju tas-socjetà attrici ghadu mhux registrat bhala tali mar-Registratur tas-Socjetajiet." Dan ir-riljev ma jikkostitwix prova skond il-ligi ta' dak illi qed jigi allegat;
(iii) kien il-konvenut appellant stess illi quddiem dina l-Qorti, waqt l-udjenza tas-sebgha (7) ta' Novembru, 2002, talab korrezzjoni fir-rikors ta' appell tieghu fis-sens illi fl-*occhio* tal-kawza jizdiedu l-kliem "u b'nota tal-4 ta' Frar 1997, Godwin Falzon assuma l-atti tal-kawza minflok l-attrici Margaret Briffa fil-kwalità tieghu ta' likwidatur tas-socjetà 'The Gallery Limited'."

Ikkunsidrat:

Illi anqas it-tieni (2) aggravju ta' l-appellant ma jimmerita illi jigi milqugh ghaliex ma jistax jinghad, kif qed jallega l-konvenut, illi l-ewwel Qorti "… ma setatx minn jeddha tiskarta l-ewwel talba tac-citazzjoni". Infatti, dak illi ghamlet l-ewwel Qorti huwa illi kkonkludiet illi, stante illi l-ewwel zewg talbiet attrici huma "in alternattiva" ta' xulxin u stante illi s-socjetà attrici ma baqghetx tinnegozja, ma kienx hemm aktar lok ghall-konsiderazzjoni ta' l-ewwel (1) talba. Jekk kien hemm xi parti illi, *se mai*, kellha ghal fejn tilmenta minn din il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti, kienet is-socjetà attrici u mhux il-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma taghha t-tielet (3) u r-raba’ (4) aggravji tal-konvenut appellant, illi t-tnejn jirrigwardaw ir-raba’ (4) talba attrici, ghandhom jigu trattati flimkien. Fir-realtà, dak illi qed jigi sottomess permezz ta’ dawn iz-zewg aggravji jammonta ghal eccezzjoni illi l-konvenut ma ressaqx quddiem l-ewwel Qorti u illi, skond il-ligi, ma tistax tigi avanzata fi stadju ta’ appell. Infatti, quddiem l-ewwel Qorti - apparti l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni determinata definittivament permezz tas-sentenza ta’ dina l-Qorti tas-sebgha (7) ta’ Lulju, 1992 - il-konvenut ressaq eccezzjoni wahda, f’dawn it-termini:
“Illi … l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante stante l-konvenut kien onera l-obbligazzjonijiet tieghu imsemmija fic-citazzjoni kif ser ikun ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.”

Illi, ghalhekk, it-tielet (3) u r-raba’ (4) aggravji tal-konvenut appellant qed jigu respinti;

Ikkunsidrat:

Illi l-hames (5) aggravju ta’ l-appellant jammonta bazikament ghal sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti. Dina l-Qorti, wara illi ezaminat dawn il-provi, taqbel pjenament - u ma ghandhiex xi zzid - mal-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata illi “… jirrizulta li l-konvenut volontarjament u minghajr ebda raguni valida naqas li jesegwixxi l-obbligi tieghu skond il-ftehim …”, u, konsegwentement, qed tirrespingi ukoll l-aggravju in ezami;

Ikkunsidrat:

Illi mill-parti enumerata “6.” tar-rikors ta’ appell jirrizulta illi l-konvenut qed isostni illi fost it-23 figurin in kwistjoni hemm tlieta (3) illi m’humiex inkluzi fil-ftehim raggjunt bejn il-kontendenti. Dawn it-3 figurini huma zewg (2) *Knights of St. John* u *Mounted Coloured Figurine*. Dina l-Qorti ma taqbilx ma’ dak illi qed isostni l-appellant ghaliex dawn

it-3 figurini huma fost dawk illi sar ftehim dwarhom *ai termini* tal-klawzola numru hamsa (5) tal-ftehim illi kopja tieghu giet esibita flimkien ma' l-att ta' citazzjoni (Dok. A). Ghalhekk, anqas is-sitt (6) aggravju tal-konvenut ma huwa fondat;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tal-konvenut rigward meta ghandu jibda jiddekorri l-imghax huwa fondat kwantu ghas-somma ta' erbgha u sebghin lira maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm74.75) illi fis-sentenza appellata giet likwidata in linea ta' danni, u dana peress illi, kif gie kostantement ritenut, l-imghax fuq somma likwidata in linea ta' danni jibda jiddekorri minn dakinhar illi ssir tali likwidazzzjoni. L-istess aggravju kwantu jolqot l-imghax fuq l-ammont bilancjali ta' tlett mija u erbghin lira maltija (Lm340), illi l-konvenut gie kundannat ihallas lis-socjetà attrici, mhux fondat ghaliex dan l-ahhar imsemmi ammont huwa rizultanti minn debitu kummercjali illi kien già dovut f'Dicembru 1979. Ghalhekk, l-ewwel Qorti kienet korretta meta ordnat illi fuq dan l-ammont ta' Lm340 ghandu jiddekorri imghax kummercjali minn Dicembru 1979;

Ikkunsidrat:

Illi, ghall-kompletezza, ghandu jinghad illi l-appellant mhux korrett meta, fil-paragrafu enumerat "8." tar-rikors ta' appell, isostni illi "… s-socjetà appellata damet xejn inqas minn erbatax-il sena sabiex tinnotifika l-att tac-citazzjoni lill-esponent." L-att ta' citazzjoni gie ntavolat fis-sbatax (17) ta' Frar, 1981 u gie notifikat lill-konvenut fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar, 1989. Inoltre, dina l-Qorti ma waslitx biex tifhem kif id-dewmien illi effettivament kien hemm sakemm saret tali notifika kellu, kif qed jippretendi l-appellant, jittiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti ghall-finijiet tal-kap ta' l-ispejjes;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt illi tikkonfermaha

kwantu l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizjoni ta' l-ewwel (1) talba attrici u kwantu laqghet it-talbiet l-ohra attrici u kkundannat lill-konvenut ihallas is-somma ta' erbgha mija u erbatax-il lira maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm414.75), tvarjaha fejn ipprovdiet dwar l-imghax u dana billi tordna illi l-imghax fuq is-somma ta' Lm74.75 likwidata in linea ta' danni ghandu jiddekorri mit-tnax (12) ta' Mejju, 2000, data tas-sentenza appellata, filwaqt illi l-imghax fuq il-bilanc ta' Lm340 jiddekorri kif stabbilit fis-sentenza appellata, jigifieri minn Dicembru 1979;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kwantu ghal ottava parti (1/8) mis-socjeta` attrici appellata u kwantu ghal sebgha partijiet minn tmienja (7/8) mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------